MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2010

Citazzjoni Numru. 72/2010

**Anten Portelli**

**Vs**

**Malta Tourism Authority**

Din il-kawza titratta zewg tenders ghal *Concession to Hire Umbrellas/Sunbeds at Blue Laggon*, Kemmuna (numru 762/2010 u 763/2010). Fis-7 ta' Lulju 2010 l-attur kienipprezenta rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni (numru 31/2010). B'digriet tad-9 ta' Awwissu 2010 il-qorti inibit lill-Awtorita milli *"…. Tikkonkludi u taghti l-kuntratt lill-operatur li lilu kien ser jinghata l-kuntratt skond it-tender 762/2010 u 763/2010."*. F'din il-kawza l-attur qieghed jitlob lill-qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddecidi, prevja, jekk hemm bzonn, d-dikjarazzjoni li l-Awtorita naqset f'dan il-kaz milli tosserva r-regolamenti u l-ligi fir-rigward tas-smiegth tal-oggezzjoni

tieghu, illi l-Awtorita marret oltre l-poteri taghha meta rrifjutat l-istess oggezzjoni.
2. Tiddikjara illi d-decizjoni hija kontra l-ligi u tilledi d-dritt fundamentali tas-smiegh xieraq tal-esponenti kif ukoll dawk naxxenti mill-gustizja naturali, u konsegwentement tiddikjara dik id-decizjoni nulla, invalida u minghajr effett fil-ligi.
3. Tikkundanna lill-Awtorita sabiex tipprovid lill-attur b'rimedju xieraq ghas-smiegh tal-oggezzjoni tieghu u dan sabiex id-drittijiet li jispettaw lilu jkunu kollha tutelati.

Sabiex tigi evitata ripetizzjoni l-qorti qeghda taghmel riferenza ghall-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 31/2010 minn fejn jirrizultaw il-fatti li taw lok ghal din il-kawza.

L-Awtorita ma pprezentatx risposta guramentata izda fid-29 ta' Ottubru 2010 ipprezentat nota (fol. 13) li permezz taghha ammettiet l-ewwel zewg talbiet. Dwar it-tielet talba spjegat li kienet ghaddiet l-atti lill-Kumitat Generali tal-Kuntratti izda l-Kumitat kien iddecieda li ma kienx kompetenti. Inoltre ddikjarat ukoll li *"il-Malta Tourism Authority tirrimetti ruhha ghal kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi tal-kaz, tenut kont tal-fatt li stante li s-sajf ghadda, il-mertu gie sorvolat ghaliex ghas-sajf tas-sena 2011 ser johrog tender gdid."*.

M'hemmx dubju li l-meritu ta' din il-kawza gie ezawrit meta ghadda l-perjodu li ghalih kienet ser tinghata l-koncessjoni f'kull tender. Fil-fatt fiz-zewg tenders jinghad li l-kuntratt kellu jkun ghall-perjodu minn Gunju sa Ottubru 2010.

Madankollu gialadarba hemm ammissjoni dwar l-ewwel zewg talbiet il-qorti ser tilqa' l-ewwel zewg talbiet. Dwar it-tielet ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha in kwantu llum m'hemm l-ebda provvediment x'jittiehed gialadarba it-tenders m'ghadhomx validi ghar-raguni fuq imsemmija.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda:-**

**1. Tilqa' l-ewwel zewg talbiet tal-attur fis-sens li:-**

**a) L-Awtorita konvenuta naqset milli tosserva r-regolamenti (ara Avviz Legali 177 tal-2005) rigward is-smiegh tal-oggezzjoni li kien ressaq l-attur bl-ittra tal-24 ta' Gunju 2010, meta ddecidiet li l-ilment tal-attur ma kienx validu ghar-ragunijiet li jissemmew fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 31/2010.**
**b) Id-decizjoni tal-Awtorita kienet tmur kontra l-principji tal-gustizzja naturali.**
**2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba stante li llum m'hemmx lok li jinghata xi provvediment dwar it-tenders numru 762/2010 u 763/2010.**

**Spejjez a karigu tal-Awtorita konvenuta, b'dan li spejjez relatati mat-tielet talba jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet in kwantu l-attur seta' facilment irrinunzja ghaliha wara li ghadda x-xahar ta' Ottubru. Spejjez relatati mal-mandat ta' inibizzjoni jiqbghu kif dikjarat fid-digriet tad-9 ta' Awwissu 2010.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------